MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 606/2002/1

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Lawrence Farrugia u Angela mart l-istess Lawrence Farrugia**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenuti huma veri, certi u likwidi debituri a favur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' hamest elef mija u disgha u sebghin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm5,179.44) in kwantu ghal erbat elef tmien mija u sitta u sittin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm4,866.87) bhala kapital u tliet mija u tnax-il lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm312.57) bhala interessi

sal-5 ta' Frar 2002 oltre l-interessi sad-data tal-pagament effettiv, dovuta minhabba facilita` ta' self "Flexicredit" koncessa lill-konvenuti (Dok. "A" anness mac-citazzjoni);

Illi l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talbiet attrici skond l-affidavit anness mac-citazzjoni (Dok. B) ai termini ta' l-Art. 167 tal-Kap. 12;

Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh tal-provi ai termini ta’ l-art. 167 – 170 tal-Kap. 12;

2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hamest elef mija u disgha u sebghin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm5,179.44) dovuti in kwantu ghal erbat elef tmien mija u sitta u sittin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm4,866.87) bhala kapital u tliet mija u tnax-il lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm312.57) bhala interessi sal-5 ta’ Frar 2002 oltre l-interessi sad-data tal-pagament effettiv, dovuta minhabba facilita` ta’ self “Flexicredit” koncessa lill-konvenuti;

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi mis-6 ta’ Frar 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf mill-P.L. Jonathan De Maria u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenuti baqghu ma dehrux.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------